# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru LXI**
**Illum, il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 42/01**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Salvatore Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Salvatore Ellul talli fl-10 t'Awissu, 2000, fil-5.50 a.m. f'Green Meadow, Triq il-Liedna, Fgura (**1**) zamm jew ippermetta [li jinzamm] halib u prodotti tal-halib mhux fit-temperatura permessa u naqas li jiehu l-passi biex igib il-prodotti f'dik it-temperatura permessa u (**2**) zamm jew ippermetta [li jinzamm] ikel (*burger buns* u Golden Harvest *sliced bread*) b'tali mod li jinvolvu riskju ta' kontaminazzjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Frar, 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Salvatore Ellul hati skond l-imputazzjonijiet dedotti u kkundanntu multa ta' hamsin lira (Lm50);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Salvatore Ellul, minnu ppresentat fis-27 ta' Frar, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi dana l-appell jikkoncerna l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni korretta ta' zewg disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1969 dwar l-Igene ta' l-Ikel (A.L. 73/1969), u precisament ir-regolamenti 24(a) u 31(1)[1]. Jidher car mis-sentenza appellata, li fid-*decide* taghha hemm referenza proprju ghal dawn iz-zewg disposizzjonijiet, li l-ewwel qorti

---

[1] Bir-rienumerazzjoni l-gdida tad-diversi disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti, dak li kien ir-regolament 31(1) issa sar ir-regolament 32(1).

kienet qed tifhem li l-fatti imputati kienu effettivament jipotizzaw ir-reati kontemplati f'dawn iz-zewg disposizzjonijiet.

L-appellant jikkontendi li hu la ghamel dak lilu imputat – cioe` li halla halib u prodotti tal-halib mhux f'temperatura permessa jew li naqas li jiehu passi biex igibhom f'dik it-temperatura pemessa, u li halla ikel b'tali mod li jinvolvu riskju ta' kontaminazzjoni – u anqas ippermetta li jsir dan. Jinghad mill-ewwel li l-kliem "jew ippermetta", kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni imputazzjoni, gew mizjuda quddiem l-ewwel qorti wara li kien xehed l-Ispettur Sanitarju Ivan Silvio (ara l-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Frar, 2001). Hu evidenti li l-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel qorti, meta rrealizzat li l-imputat ma kienx materjalment ghamel dak lilu mputat, ippruvat issalva s-sitwazzjoni billi tallega li hu "ippermetta" li jsiru dawk l-affarijiet. Pero` la r-regolament 24(a) u anqas ir-regolament 31(1) ma jkopru l-ipotesi ta' min "jippermetti" li ssir jew li ma ssirx xi haga, a differenza ta' min jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga. Fi kliem iehor, dawn iz-zewg disposizzjonijiet jippunixxu (b'applikazzjoni tal-Artikolu 57(2)(3) tal-Kap. 231) lil min materjalment jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, u mhux lil min jippermetti li ssir xi haga, jew li tonqos milli ssir xi haga, minn haddiehor. Hawn qeghdin fil-kamp penali fejn id-disposizzjonijiet tal-ligi ma jistghux jiggebbdu bhall-lastku biex jigu jakkomodaw dak li l-prosekuzzjoni tahseb li huwa reat.

Ir-regolament 24(a) jipprovdi li "[K]ull min ikun jahdem fil-manigg ta' l-ikel…ma ghandux iqieghed xi ikel hekk illi jinvolvi xi riskju ta' kontaminazzjoni". Mill-provi jirrisulta li f'xi sitta neqsin ghaxra ta' filghodu tal-10 ta' Awissu, 2000, l-Ispettur Sanitarju Ivan Silvio innota li quddiem il-bieb tal-hanut ta' l-appellant – hanut <u>li kien ghadu maghluq</u> – <u>id-distributur tal-hobz</u> kien halla numru ta' hobz *sliced* u *burger buns* f'kaxxa fl-art u li ma kienitx moghttija. Ma kienx l-appellant li qieghed jew halla dawk l-oggetti b'dak il-mod. L-appellant in segwitu, u cioe` meta f'xi hin wara gie u fetah il-hanut, pogga dak il-hobz u *buns* fuq l-ixkafef regolarment ghall-biegh. Jista' jkun li l-appellant ghamel hazin meta pogga dawk l-affarijiet ghall-beigh fuq l-ixkafef peress illi kienu diga, jew setghu kienu, kontaminati. Pero` f'dak il-kaz hu kellu jigi akkuzat taht xi disposizzjoni ohra tal-ligi, jekk tali disposizzjoni ohra tezisti.

L-istess jista' jinghad ghar-regolament 31(1) li jipprovdi *inter alia* li certu ikel "…ghandu, jekk it-temperatura ma tkunx diga fil-gradazzjoni ta' temperatura permessa, tingieb f'dik il-gradazzjoni minghajr telf ta' zmien wara li jasal f'xi lokal, bastiment jew posta li fiha jew minnha jitmexxa negozju ta' *catering*". Apparti li huwa dubbjuz kemm jista' jinghad li l-hanut ta' l-appellant huwa lokal li fih jew minnu jitmexxa "negozju ta' *catering*" (ara d-definizzjoni ta' "catering business" fit-test Ingliz tar-regolament 2(1)) – punt dan, pero`, li ma tqajjimx specifikatament mill-appellant – mill-provi jirrisulta li l-halib u l-prodotti tal-halib ma kienux fit-temperatura regolamentari meta dawn thallew <u>mid-distributur tal-prodotti tal-halib</u> (mhux mill-appellant) barra l-hanut li kien ghadu maghluq. Ma hemm xejn li jindika, wisq anqas hemm prova, li malli wasal l-appellant u fetah il-hanut hu ma hax il-passi mehtiega biex

igib it-temperatura ta' dawk l-oggetti ghal dik regolamentari (per ezempju, billi jqieghdhom mill-ewwel fil-*fridge*). Meta l-istess Spettur Sanitarju rega' mar fil-hanut ta' l-appellant ghall-habta tat-tmienja w kwart, huwa sab "kollox f'postu". Ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati taht dan ir-regolament 31(1).

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur